TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Grima

vs

JR Enterprises

CCT 114/17/MS

26 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-16 ta' Gunju 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €95.00, prezz ta' *hair extensions* mixtrija minghand l-azjenda intimata, li ma kienux tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fl-10 ta Lulju 2017 fejn cahdet it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi ma setghetx taccetta il-prodott lura peress illi kienet miftuha mill-borza taghha.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-verbal tat-22 ta' Jannar 2018 fejn it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghad-9 ta' April 2018 wara talba maghmula mill-intimata ghall-differiment.

Ra l-verbal tad-9 ta' April 2018 fejn minkejja l-verbal precedenti, hadd ma deher ghas-socjeta' intimata u l-anqas ma giet gustifikata l-assenza taghha ghal dik is-seduta u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ikkunsidra

Mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti ordnat *hair extensions* minghand l-azjenda intimata. Ir-rikorrenti tghid illi dawn l-*extensions* redithom '*natural human hair*', izda meta rceviet il-pakkett minghand l-azjenda intimata sabet li dawn ma kienux kif hi ordnat izda ta' materjal sintentiku u ghalhekk hadithom lura. Min-naha l-ohra, fir-risposta taghha, l-azjenda

intimata mhijiex qieghda tikkontesta l-kwalita' tal-prodott ordnat mir-rikorrenti, izda qieghda tghid li ma tistax ittiha sodisfazzjon u tiehu l-prodott lura peress illi l-pakkett gie miftuh.

Ikkunsidra

Illi biex xerrej ikun cert illi huwa rcieva l-oggett illi jkun ordna bil-fors irrid issir xi forma ta' spezzjoni mal-konsenja ta-oggett. F'dan il-kaz, peress illi x-xaghar kien qieghed fil-borza tal-plastik, kif del resto hu esebit, dan bilfors kellu jinfetah biex ix-xerrej ikun cert illi l-oggett kien tal-kwalita' pattwita. Ir-rikorrent tghid illi dan ma kienx minnu: filwaqt illi ordnat *natural human hai*r sabet li rceviet xaghar sintetiku. Dan wahdu kien jintitolaha illi tirritorna l-oggett u tiehu lura l-flus imhallsa. L-azjenda intimata ma tat l-ebda spjegazzjoni oltre dak li kitbet fir-riposta taghha, li del resto ma giex konfermat bil-gurament. U l-iskuza moghtija mill-azjenda intimata ghar-rifjut ta' sodisfazzjoni hija verament fjakka u ma taghmilx sens fil-ligi. La darba l-oggett konsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita allura il-bejgh huwa null u ir-rikorrenti bi dritt ghandha tiehu flusha lura.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjenda intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €95.00. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata bi dritt li tiehu l-prodott lura wara li jsir tali hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru